# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 49**

**Avviz numru 878/00/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Vassallo u l-istess Catherine Vassallo.**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-11 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet mija wiehed u sebghin lira tmienja u sittin centezmu (LM371.68,0) in kwantu ghal mitejn wiehed u ghoxrin lira tmienja u sittin centezmu (LM221.68,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe in kwantu ghal mija u hamsin lira (LM150) lill-attrici Catherine Vassallo, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara n-Naxxar fis-26 t'Ottubru 1999, meta waqt li inti kongt qed issuq il-vettura Nru. BAH 346 hbatt mal-vettura Nru. NRG 781 proprjeta' tal-attrici Catherine Vassallo u misjuqa minn Katia Vassallo – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident inti kont unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**2. Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-2 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet datat s-26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' Katia Vassallo, is-sewwieq tal-vettura numru NRG 781 proprjeta' tal-attrici Catherine Vassallo, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewwieqa, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;**

**2. Minghajr pregudizzju ghal premess, d-danni reklamati mill-attur huma esagerati;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet il-provi prodotti;**

**Rat id-dokumenti pprezentati;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-26 t'Ottubru ta' l-1999 go Triq il-Parrocca, in-Naxxar, ghall-habta tas-1.00 p.m. bejn il-vettura tal-marka Seat Cordoba bin-numru ta' registrazzjoni NRG 781 misjuqa minn Katia Vassallo u proprjeta' ta' Catherine Vassallo u l-vettura tal-marka Citadel bin-numru ta' registrazzjoni BAH 346 misjuqa minn Joseph Vella l-konvenut;**

2. **Illi skond il-konvenut Vella meta hu wasal hdejn Katia Vassallo fuq indikata sabha wieqfa fit-triq kif indikata fl-iskizz fl-atti odjerni fuq in-naha ta' gewwa; ghalkemm jghid ukoll li rah fuq in-naha ta' barra, (ara fol 28);**

3. **Illi meta l-konvenut ha postu hdejn Vassallo u gie biex isuq, il-vettura ta' Vassallo dahlet fil-vettura tieghu;**

4. **Illi minn naha taghha Vassallo ssostni li kienet fuq in-naha tax-xellug, ghalhekk ta' gewwa, b'vettura ohra wieqfa hdejha;**

5. **Illi ssostni wkoll li kellha l-indicator tax-xellug taghha mixghul;**

6. **Illi l-vettura tal-konvenut dahhlet fiha meta kient wieqfa;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mill-iskizz ipprezentat f'dawn l-atti l-vetturi ma jidhrux kif indikati mill-partijiet, bl-eccezzjoni tal-konvenut li kkorega ruhu;**

**Illi hu ovvju li l-incident de quo hu htija ta' l-ebbusija tar-ras u tan-nuqqas ta' prudenza tal-konducenti involuti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi z-zewg versjonijiet ipprezentati huma t-tnejn verosimili u l-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tiddeciedi fuq ir-responsabbilita' ugwali tal-partijiet ghall-incident in dizamina;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lil Katia Vassallo u Joseph Vella ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tlett mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (LM371.68,0), kif indikat fl-avviz;**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Joseph Vella biex ihallas lill-atturi nofs dan l-ammont, senjatament mija u hamsa u tmenin Lira Maltin u erba' u disghin centezmu, (LM185.94,0), bl-ispejjez u imghaxijiet jibqghu ugwalment divizi bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**